ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 06/2010**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, it-22 ta' Novembru 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sinjura Carmen Camilleri**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairman is-Sur Emmanuel Debono kien skużat.

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 05/2010

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 05/2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU. 05/2010

Dwar il-palma ta' Triq l-Isqof Pace, is-Sindku qal inġibdet l-attenzjoni mill-Kunsill jekk tiġi biex tinqala' din il-palma, hemmx il-periklu li jista' jinħass il-bini tal-madwar (konsenturi fil-bini ta' terzi persuni). Is-Sur Sacco ppropona li ssir *site inspection* mill-Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku għamel referenza għat-*timing* ta' meta għandha tinqala l-palma u r-riskju li ma tieħux meta terġa' titħawwel.

Ġie miftiehem li jintalbu l-pariri tas-Sur Cremona, ex-uffiċjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u espert barrani suġġerit mill-Kunsillier Refalo u l-Perit Scerri fir-rigward tal-konsenturi fil-bini.

Il-Kumitat qabel li ma jkunx permess *parking* fi Triq il-Munġbell, dik il-parti tat-triq li tiġi faċċata ta' Triq ir-Rabat.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Applikazzjoni mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tas-Sur George Sacco biex 'to establish zoning building heights and alignment of roads and buildings of the rationalization excercise site (2006)' fi Triq is-Sajjied .
Is-Sur Sacco ddikjara li hu għandu nteress fl-applikazzjoni u rtira mill-Kamra. Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi kopja ta' din l-applikazzjoni lill-membri tal-Kumitat u l-Kunsilliera.

Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni tal-Kumitat taħt l-Iskema ta' finanzjament għall-proġetti u inizzjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu kienet milqugħa u ser jingħata s-somma ta' €20,000 għall-proġett ta' kisi bit-tarmak ta' Triq Santa Marija. Ġie deċiż li ssir *site visit* mal-Perit tal-Kunsill.

Ittra tal-Perit Scerri dwar id-devoluzzjoni tal-gabbana tal-*promenade* tal-Qbajjar. Il-Kumitat qabel li jwaqqaf il-proċess għad-devoluzzjoni tal-gabbana.

## 5. IL-KONFINI

Is-Sindku qal dan mhux item tal-Agenda.
Is-Segretarja Eżekuttiva qassmet kopja tal-pjanta li turi l-konfini taż-Żebbuġ u estratt mir-Reġistru Elettorali tal-Lokalita' bit-toroq ta' Marsalforn.

## 6. L-GĦASSA TAL-PULIZIJA TA' MARSALFORN

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Kunsill għandu applikazzjoni pendenti quddiem il-MEPA fir-rigward tal-bini tal-għassa tal-pulizija ta' Marsalforn.

## 7. TRAFFIC MANAGEMENT GĦAL MARSALFORN

Iċ-Chairperson għamlet referenza għal lista ta' proposti diskussa u approvata f' waħda mill-laqgħat preċedenti. Is-Segretarja Eżekuttiva tat rendikont ta' x' korrispondenza kienet intbagħtet lil Transport Malta u l-Kumitat Konġunt tal-LES.

Il-Kumitat iddeċieda li Triq il-Port, dik il-parti tat-triq li tagħti għall-Menqa (mill-ATM il-ġewwa) tinfetaħ *two-ways* għax-xarabanks.

## 8. IL-BANKNI TA' MARSALFORN

Iċ-Chairperson qalet f' Marsalforn hemm diversi bankini għoljin. Is-Sindku qal sa issa, il-Kunsill dejjem ta priorita' l-kisi bit-tarmak ta' toroq.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Fuq talba tas-Sur Zammit, il-Kumitat qabel li jsir sinjal mal-art li juri Stop fi Triq tan-Naħla kantuniera ma' Triq il-Qbajjar.

Is-Sur Zammit ilmenta dwar il-fatt li l-kuntrattur li waħħal it-tabella tat-traffiku fi Triq tan-Naħla kien ħalla xi siment mal-art. Is-Segretarja Eżekuttiva ser tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan.

Is-Sur Zammit qal li għandu lment dwar bozza li nqalgħet minn Triq Santa Marija u li issa fl-inħawi hemm ħafna dlam. Is-Sindku għarraf lill-Kamra li għal Triq Santa Marija, il-Kunsill għandu pproġettat sistema ġdida ta' dwal.

Is-Sur Zammit tkellem dwar it-tabelli li nsterqu mit-triq t' Għajn Mhelhel (it-tabelli li kienu saru bħala ).

Is-Sur Zammit qal hemm persuna li għandha żewġ siġriet tal-palm u lesta tagħtihom lill-Kumitat biex iħawwilhom f' post pubbliku. Is-Sindku qal din mhix responsabbilita' tal-Kumitat jew tal-Kunsill.

Fuq talba tas-Sur Sacco, il-Kumitat qabel li titwaħħal tabella li turi l-isem tat-triq ma' tal-Mielħa Crt fi Triq is-Sajjied.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta’ filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***